Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 32- L-Erbgħa 26 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar fil-5:30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 32.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

## 32.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

32.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 32.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.4.1 Is-Sindku spjega kif din il-laqgħa ssejhet proprju bħala laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Qigħan.

## 32.5 Laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Qigħan

32.5.1 Prezenti għal din il-laqgħa kien hemm ir-residenti ta' Triq il-Qigħan wara nvit li ntbaghat lilhom mill-Kunsill rigward l-oġġezzjoni li l-Kunsill qed jagħmel f'isimhom għall-proġett ta' sheep farm quddiem it-triq tagħhom. Is-Sindku spjega li l-għan ta' din il-laqgħa huwa li jiġi spjegat lilhom il-ħtiega ta' affidavit individwali fejn fih jiddikjaraw il-konċern u l-oġġezzjoni tagħhom għal dan l-iżvilupp. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser jipprovdilhom is-servizz ta' nutara biex tkun tista tassistihom f'din id-dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni ser tiġi mgħoddija lill-Mepa.

32.5.2 Fuq nota pożittiva, is-Sindku ħabbar lil dawn ir-residenti bl-akkwist ta' fondi għall-proġett ta' tisbiħ għal din l-istess triq. Huwa ta preżentazzjoni qasira dwar il-kontenut ta' dan il-proġett . Ir-residenti laqgħu b'sodisfazzjon din l-aħbar u faħħru lill-Kunsill għal dan l-akkwist biex isebbaħ liż-żona tagħhom.

## 32.6 Servizz temporanju għall-Manutenzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem

32.6.1 Is-Segretarja spjegat kif wara diversi talbiet li għamilna għall-ħaddiem addizzjonali għaż-żamma u manutenzjoni tal-area Ta' Passi u l-annimali tiegħu, il-Kunsill ġie offrut mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li jiġi provdut b'dan is-servizz. Id-Dipartiment lest li jiffinanzja dan is-servizz għall- sitt xhur. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jistħarreġ għal dan is-servizz u jagħmel kuntratt għal dan il-perijodu. Sar qbil li għandna naraw jekk hemmx xi persuna minn dawk li ressqu għall-interview tal-animal steward f'Ta Passi li lesti li joffru dan is-servizz.

## 32.7 Approvazzjoni tal-pagamenti

32.7.1 Is-Segretarja ressqet l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 32.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata mingħajr data.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**